

# Is-Surmast Paolo Gauci

*(1900 - 1986)*

**Kitba ta' Mario Attard**



*Is-Surmast Pawlu Gauci*

Fit-tnejn u sittin ħarġa ta' Cospicua, f'April 1961, insibu apprezzament li kien għamel l-editur Carmelo Galea Scannura dwar is-Surmast Paolo Gauci f'għeluq il-ħamsin sena minn mindu ħareġ għall-ewwel darba jdoqq mal-Banda San Ġorġ qalb it-toroq ta' Bormla. Fil-fatt, ftit ġranet qabel din il-ħarġa, l-editur kien mar fil-Każin tal-Banda u intervistah biex ikun jista' jagħtih il-ġieħ li kien jistħoqqlu. Fuq kollox dan il-kompajżan li ta ħajtu għall-mużika u ħadem b'risq il-Banda Kospikwana u Bormla nnifisha jixraqlu jiġi mfakkar mill-ġdid, illum fi żmienna, mija ħmistax-il sena minn twelidu.

Is-Surmast Paolo Gauci, li kellu għal qalbu ħafna l-Banda San Ġorġ ta' Bormla, twieled minn ġenituri Bormliżi fit-18 ta' Diċembru 1900. Missieru Andrea kien bandist tajjeb u kien idoqq il-klarin mal-Banda San Ġorġ ta' Bormla. Kif jgħid il-Malti, bin is-sengħa għandu nofsha. Fil-fatt Paolo mexa fuq il-passi ta' missieru u avvanza aktar ukoll. Huwa beda jitrawwem fil-kultura mużikali meta kien għad kellu tmien snin fejn dakinhar beda jistudja t-teorija mal-Bormliż is-Surmast George Compagno.

F'Marzu 1911, meta lanqas kien għadu għalaq il-ħdax-il sena, Paolo Gauci ħareġ idoqq għall-ewwel darba fit-toroq ta' Bormla mal-Banda San Ġorġ. L-istrument li beda l-karriera mużikali bih kien il-klarin, bħal missieru Andrea. Dakinhar kienet l-okkażjoni marbuta mal-Ġimgħa l-Kbira. Dak iż-żmien il-Banda Kospikwana kienet immexxija mid-Direttur tagħha s-Surmast Angelo Melilli.

Mro. Gauci kompla jipperfezzjona fl-istudju tal-klarin l-ewwel taħt il-Bormliż Ġorġ Camenzuli, li kien kapaċissimu f'dak l-istrument u aktar tard taħt is-Surmast Carlo Diacono.

Bejn is-snin 1913-1918 kien ingaġġat fit-tieni battaljun tal-Kings Own Malta Regiment fejn wara ftit żmien beda jdoqq mal-banda ta' dan ir-reġiment. Din kienet deċiżjoni essenzjali ħafna fl-iżvilupp tal-karriera mużikali tiegħu peress li dan il-pass fetaħlu t-triq li wasslitu biex idoqq mal-aqwa orkestri u baned immexxijin minn fost l-aqwa diretturi bħal Vessella, Dinchich, Arts, Botti u Polento. Fil-fatt huwa studja l-mużika taħt professuri magħrufa Maltin, Taljani u Ingliżi.

Meta kellu 25 sena, Paolo Gauci daħal fir-Royal Navy fejn wessa' l-karriera mużikali tiegħu mal-banda tal-istess Navy u għal ħames snin sħaħ serva ta' Band Master tal-Blue Jacket Volunteer Band.

Fl-1930 beda l-mixja mużikali mal-Commander-in-Chief Mediterranean Band fit-teatri li b'kollox damet sejra għal tlettax-il sena u li kompliet timmaturah mużikalment. F'dan il-perjodu kompla jdoqq taħt surmastrijiet ta' fama mondjali bħal Cantoni, Castaldo u Boitini.

Ir-rabta mill-qrib ta' Paolo Gauci mal-każin tal-Banda San Ġorġ bdiet wara t-tieni gwerra dinjija. Fil-fatt huwa beda bħala Assistent Surmast mas-Surmast Stivala li f'dak iż-żmien kien id-Direttur tal-Banda. Bħala Assistent Surmast, Gauci beda jgħallem numru sabiħ ta' bandisti ġodda, li nistgħu ngħidu li kienu kollha Bormliżi, u hekk għen ħafna lill-Banda Bormliża tgħolli isimha 'l fuq wara d-daqqiet kbar ta' ħarta li Bormla kienet ħadet bit-tiġrif u l-imwiet mill-attakki Taljani u Ġermaniżi.

Wara l-mewt tas-Surmast Stivala, is-Surmast Bellizzi nħatar direttur minfloku. Bellizzi baqa' jmexxi l-banda sa mewtu, erba' snin mill-ħatra tiegħu. Issa, Paolo Gauci kien ġabar biżżejjed esperjenza biex il-Kumitat tal-Banda San Ġorġ japprovah bħala d-Direttur il-ġdid.

Sena qabel kellu jasal it-tmiem tal-ħatra tiegħu bħala Surmast tal-Banda ta' Bormla, fl-1962, idderieġa programm speċjali li ttella' mill-Banda 'San Ġorġ' fi Pjazza Paolino Vassallo fl-okkażjoni taċ-ċentinarju mit-twaqqif tal-Banda Kospikwana. Fir-realtà dawn il-festi kienu mifruxin fuq ġimgħa sħiħa u l-qofol tagħhom ntlaħaq bil-programm imsemmi li kien sar wara li ntemm il-marċ li mexa minn fuq San Pawl sal-każin tal-Banda. Fi tmiem dan il-programm, is-Surmast Paolo Gauci ngħata tifkira li kienet tfakkar dik l-okkażjoni filwaqt li l-membri tal-Kumitat u l-bandisti ngħataw midalja kull wieħed. Biex tibqa' titfakkar din l-okkażjoni speċjali, inkixfet lapida li tinsab fl-intrata tal-każin.

Wara li martu Concetta kienet mititlu għall-għarrieda, is-Surmast Paolo Gauci emigra lejn il-Kanada biex ikun qrib uliedu. Kienet is-sena 1963. Fiha huwa spiċċa minnn Surmast tal-banda "San Ġorġ" ta' Bormla, romol u emigra minn Malta. Qabel emigra kien sarlu festin fis-sala l-kbira tal-Każin 'San Ġorġ'. Dakinhar kien sar diskors xieraq mill-Viċi President, is-Sur Tonin Scicluna u wara ppreżentalu rigal ta' tifkira.

F'Toronto ssieħeb mal-Banda tal-48th. Highlanders u mbagħad daħal fil-banda tal-Armata Rjali Kanadiża.

Fl-1968 twaqqfet banda minn għadd ta' dilettanti Maltin ġewwa l-Kanada fi ħdan is-Soċjetà Maltija-Kanadiża. Dawn talbu lis-Surmast Gauci biex ikun id-direttur tal-banda. Is-Surmast Paolo Gauci mhux biss aċċetta imma ntefa' b'ruħu u b'ġismu għall-ġid ta' din il-banda. Imbagħad twaqqfet il-Malta Band Club u d-direttur tagħha kien l-istess Surmast Gauci. Ma hemmx dubju li ż-żewġ baned irnexxew u bil-kif!

Is-Surmast Paolo Gauci ħalla din id-dinja fid-9 ta' Frar tas-sena 1986. Ma setax jonqos li fil-ktieb Leħen il-Banda San Ġorġ ta' Bormla ta' dik is-sena, il-kumitat ta' dak iż-żmien sellem lis-Surmast Gauci. F'paġna sittin tal-istess kiteb insibu Nekroloġija, is-Surmast Pawl Gauci. Nisiltu tliet siltiet jew paragrafi minn dan l-apprezzament u l-aħħar tislima fl-istess ħin.

"Din is-sena sofrejna t-telfa tas-Surmast Pawlu Gauci li ġrat f'Toronto, il-Kanada, wara 85 sena li huwa ddedika għall-mużika. Is-Surmast P. Gauci twieled u għex Bormla u l-anzjani għadhom jiftakru d-dedikazzjoni u l-kontribut sħiħ li ta lill-Banda tagħna."



*Is-Surmast Pawlu Gauci jidher qed jidderieġi l-Banda tal-Maltin f'Toronto, il-Canada*

"Kien imfittex ukoll mill-baned ċivili u kien jagħmel parti mill-orkestra tat-teatru għax kien strumentalista ta' ħila kbira. Mal-Banda tagħna kien mhux biss il-klarinett solista, imma wkoll is-surmast tal-aljievi u l-Assistent Surmast. Kien sewwasew 30 sena ilu li s-Surmast P. Gauci ħa t-tmexxija tal-Banda San Ġorġ ta' Bormla f'idejh. Huwa nħatar Surmast fl-1956 wara l-mewt tal-maħbub Mro. Francesco Bellizzi."

Hawnhekk nagħmel naqra parentesi u nfakkar li fl-1956, il-Każin tal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla beda jieħu sehem għall-ewwel darba minn wara l-gwerra fil-Karnival. Kien sar karru bit-tfal, li ssejjaħ "Operalia" u kien rebaħ l-ewwel premju għall-kostum u l-karru kif ukoll it-tielet għażżifna.

"Dan il-ħabrieki Surmast irnexxielu jiftaħ orizzonti ġodda u wassal biċċa mill-Kultura ta' Malta 'l hemm minn xtutna. Kien Surmast umli u maħbub li għamel isem għalih, għal Bormla u għal Artna, kemm f'Malta kif ukoll fil-Kanada. Is-Surmast Pawlu Gauci ma jintesiex fi ħdan il-Banda San Ġorġ ta' Bormla."

Lil din il-wegħda li l-Banda 'San Ġorġ' mhix sejra tinsa lis-Surmast Pawlu Gauci (u lill-ebda Surmast ieħor), qegħdin nuruha bil-fatti għax fil-fatt ninsabu niftakru fih lejlet it-tletin sena minn mewtu u fl-istess ħin inħabbruh mal-ġenerazzjonijiet ta' żmienna.

Ftit snin qabel miet kien ġie Malta fejn kien mar xalata mal-bandisti. Bħala apprezzament lejn il-bandisti tal-post li dak iż-żmien ma kienu jieħdu l-ebda onorarja, il-kumitat kien jorganizza xalata u ikla annwali. Is-Sur Louis Spiteri li llum huwa s-segretarju tal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla u li kien preżenti dakinhar, qalli li waqt dik l-okkażjoni, wara bosta snin, ma setax jonqos li l-preżenza tas-Surmast Gauci fakkret kemm lilu kif ukoll lill-bandisti oħrajn li kienu preżenti fil-memorji ta' meta kien jgħallem l-istrumenti lill-aljievi fil-każin fi Triq il-Gendus. Tajjeb inkunu nafu li qabel is-sena 1958, il-każin tal-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla kien jinsab fejn illum hemm il-Kor Tota Pulchra. Infatti s-segretarju Louis Spiteri kien beda jitgħallem il-kwartin f'dan il-post li kien jikkonsisti minn speċi *flat* tal-gvern.

Is-Surmast William James Worley kien is-suċċessur tas-Surmast P. Gauci u mexxa lill-banda 'San Ġorġ' ta' Bormla bejn is-snin 1963 – 1971.

Minn fost il-marċi li ħarġu mill-pinna tas-Surmast Paolo Gauci nsemmu *Miss Malta of Toronto* li l-Banda 'San Ġorġ' ta' Bormla kienet

daqqet fil-programm tal-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni ġewwa Bormla fl-1972.

## Il-"Cospicua" u Mro. Paolo Gauci

Is-Sur Carmelo Galea Scannura li huwa msemmi iktar 'il fuq u li iktar tard f'ħajtu sar qassis, kien l-editur tal-gazzetta ċivika "Cospicua". Kienu bosta l-ħarġiet ta' din il-gazzetta li tat wisgħa u mhux ftit lill-banda San Ġorġ ta' Bormla fis-sens wiesa' tagħha. Tnejn mid-diversi drabi li l-editur Galea Scannura semma lis-Surmast Paolo Gauci flimkien ma' ritratt kien fil-ħarġa ta' Awwissu 1956 fl-ewwel paġna (ara ritratt hawn fuq) u f'April 1961.

Nisiltu paragrafu mis-sittax-il ħarġa ta' Awwissu 1956.

"Is-soċjetà Filarmonika San Ġorġ ta' Bormla, pajjiżna, toffri lill-aljievi tagħha kwalunkwe mezz possibbli biex tissoddisfa x-xewqa tal-aljievi tagħha, billi minbarra li tgħallimhom bla ħlas tipprovdilhom ukoll dak l-istrument li jkunu jixtiequ jdoqqu. Aħna nistgħu naraw minn dan ir-ritratt l-aljievi ċkejknin tagħna flimkien mas-Surmast tagħhom, is-Sur Pawl Gauci, li għall-mod u l-paċenzja li għandu biex jgħallem nassigurawkom li t-tfal joħorġu bandisti tajbin u jagħmlu unur lil Bormla."



*Is-Surmast Paolo Gauci flimkien ma' sittax-il bandist ġdid f'ritratt miġjub fil-gazzetta "Cospicua" ta' Awwissu 1956*

**Riferenzi:**


Maestro Paolo Gauci, Carmelo Galea Scannura, Editur, Cospicua, April 1961, Nru. 62, p1.

"Nies Prominenti Bormliżi, Maestro Chev. Gauci S.M.O.S.J.J., Charles Galea Scannura, Bormla – Leħen il-Belt tal-Immakulata, Diċembru 1978, Għadd 47, p.11.

Nekroloġija – Is-Surmast Pawlu Gauci, mingħajr isem minn kitbu, Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla, Festa 1986, p.60.

Il-Banda ta' Żmienna, Charles Galea Scannura, Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla, Festa 1982, p.21.

Irħama ta' Tifkira f'Ġieħ il-Klarinettist Ġorġ Camenzuli, mingħajr isem min kitbu, Leħen il-Banda San Ġorġ Bormla, Festa 2000, p.49.

Il-Każin tal-Banda "S. Ġorġ" Bormla, miktub Mis-Segretarju, Cospicua, Awwissu 1956, Nru. 16, p1.






